MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 253/1996/1

**Ċitazzjoni numru : 253/1996 . (PC)**

Scicluna Enterprises (Gozo) Limited

vs

Antonia sive Anna armla ta' Giuseppe Mizzi,
U b'degriet tas-27 ta' Novembru 1998
Ġie kjamat fil-kawża ir-Registratur tal-artijiet;
U b'degriet tas-27 ta' Lulju, 2001,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Maria mart Joseph Grima,
U Lorenza mart Joseph Cassar,
Minflok Antonia sive Anna Mizzi,
Li mietet fil-mori tal-kawża .

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet illi:

Billi s-soċjeta’ attriċi hi proprjetarja ta’ biċċa raba msejħa “Ta’ Santa Lucia”, kontrada omonima, limiti ta’ Kercem, Għawdex, tal-kejl ta’ ċirka siegħ u nofs, ekwivalenti għal 281,025 metri kwadri, illum konfinanti mit-tramuntana ma’ ġid tal-istess soċjeta’ attriċi, nofsinhar ma’ ġid tal-konvenuta, lvant ma’ proprjeta’ tal-Gvern u punent ma’ entrata li tiżbokka fuq Għajn Abdul Street .

Billi l-konvenuta a suq volta hi proprjeta’ ta’ biċċa raba oħra msejħa “Ta’ Santa Lucia”, fil-limiti ta’ Kercem, Għawdex, tal-kejl ta’ ċirka ħames siegħan, illum konfinanti mit-tramuntana ma’ l-fuq deskritta biċċa raba di proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi, nofsinhar ma’ beni ta’ Giuseppe Tabone u lva nt ma’ raba tal-Gvern.

Billi għalhekk l-art proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi u dik proprjeta’ tal-konvenuta jmissu ma’ xulxin.

Billi s-soċjeta’ attriċi trid li jiġu magħmula bi spejjeż komuni bejnha u bejn il-konvenuta sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti ta’ l-art tagħna u tal-art tal-konvenuta, liema artijiet kif premess imissu ma’ xulxin .

Talbet lill-konvenuta tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. m’għandhiex din il-Qorti, occorrendo anke permezz ta’ periti nominandi, tordna ghall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi li jiġu magħmula, bi spejjeż komuni bejn is-soċjeta’ attriċi u l-konvenuta, sinjali li jidhru u li jibqgħu biex juru l-limiti tal-art tas-soċjeta’ attriċi fuq identifikata u tal-art tal-konvenuta wkoll fuq identifikata, liema artijiet imissu ma’ xulxin; tali sinjali għandhom isiru fejn imisshom ikunu kif jiġi ordnat minn din il-Qorti skond il-konsistenza tal-art tas-soċjeta’ attriċi u tal-art tal-konvenuta, liema sinjali għandhom hekk isiru wkoll taħt id-direzzjoni ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjeż, konra l-konvenuta nġunta personalment għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi kkonfermata bil-ġurament ta' Paul Scicluna.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi t-talba attriċi hija nfondata stante li d-delimitazzjoni tal-konfini mitluba mill-attur diga' teżisti u kwalunkwe eżerċizzju ulterjuri fuq dawn il-konfini huwa superfluwu.

2. Illi mill-banda l-oħra jekk l-iskop ta' din l-azzjoni huwa sabiex issir il-kontestazzjoni tal-konfini preżenti allura din l-azzjoni hija malament proposta u minflok din l-azzjoni (*actio finium regundorum)* l-attur imissu intenta l-azzjoni ta' rivendika (*actio rei vindicatoria)* .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta konfermata bil-ġurament tagħha.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 1997 li bih innominat lill-A.I.C. Joseph P. Dimech bħala perit tekniku sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Novembru 1998 fejn, fuq talba tal-konvenuta, ordnat il-kjamata fil-kawża tar-Reġistratur ta' l-Artijiet.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Reġistratur ta' l-Artijiet li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti tal-każ u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba.

2. Illi huwa m'għandux ibati spejjeż .

3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha maħlufa.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fis-26 ta' Jannar 2000 u minnu maħlufa fis-7 ta' Frar 2000.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2000 fejn, fuq talba tas-soċjeta' attriċi, nnominat lill-avukata Dottor Nives Grixti, l-A.I.C. Joseph Mizzi u l-A.I.C. Edward Scerri bħala periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' April 2000 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Richard Aquilina għall-A.I.C. Edward Scerri bħala wieħed mill-periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2004 fejn issostitwiet lill-avukata Dottor Nives Grixti bl-avukata Dottor Justyne Caruana fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2005 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Walter Portelli minflok l-A.I.C. Richard Aqulina fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Gunju 2007 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Alan Saliba minflok l-A.I.C. Walter Portelli fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Novembru 2010 fejn, wara li rrevokat l-inkarigu tal-periti addizzjonali, ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota tal-konvenuti tat-28 ta' Frar 2011 li biha irtiraw l-aħħar eċċezzjoni tagħhom.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża hija l-hekk imsejjħa *actio finium regundorum*. Tirrigwarda d-delimitazzjoni tal-konfini bejn l-art tas-soċjeta' attriċi u dik tal-konvenuti, fi Triq Għajn Abdul, Kercem, Għawdex. Is-soċjeta' attriċi tgħid li akkwistat l-art tagħha li tikkonfina ma' dik illum tal-konvenuti, flimkien ma' proprjeta' oħra, mingħand il-prokuratur legali Joseph Micallef u martu, permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Michael Refalo tal-31 ta' Ottubru 1994.[1] Dawn minn naħa tagħhom kienu akkwistaw l-istess proprjeta' permezz ta' żewġ kuntratti, in atti Nutar Antonio Galea, wieħed tas-26 ta' Jannar 1972 u l-ieħor tat-30 ta' Novembru 1977.[2] Il-konvenuti preżenti wirtu l-art tagħhom mingħand il-konvenuta oriġinali Antonia Mizzi, li minn naħa tagħha kienet akkwistat l-istess art permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni in atti Nutar Antonio Galea wkoll tal-25 ta' April 1974.[3]

Permezz ta' l-unika eċċezzjoni li baqa', wara li ġiet irtirata t-tieni waħda, l-konvenuti jikkontendu illi ma hemmx lok għal din l-azzjoni peress li l-konfini ta' bejn iż-żewġ artijiet ilhom li ġew stabiliti permezz ta' marki viżibbli fuq il-post. Għalhekk il-kwistjoni li trid tiġi hawnhekk ventilata tirrigwarda s-sottomissjoni tal-konvenuti illi, ġialadarba l-konfini bejn iż-żewġ qatgħat ġia ġew stabiliti, mhux il-każ illi dawn jerġgħu jiġu disturbati minħabba xi pretensjoni tas-soċjeta' attriċi li dawn ma ġewx stabiliti sew.

Dwar id-delimitazzjoni tal-konfini, l-liġi tagħna titkellem biss f'artikolu wieħed li jistipula illi:

"**Kull sid jista' jġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin**."[4]

Il-**Baudry-Lacantinerie** li jitkellem fuq artikolu kważi identiku tal-Code Napoleon[5] jispjega illi:

---

[1] Ara kopja tal-kuntratt relattiv esebit bhala Dok. A a fol. 6 - 10 tal-process .

[2] ara kopja ta' l-att relattiv esebit bhala Dok. B a fol. 11 - 12 .

[3] ara kopja tieghu esebit bhala Dok. D a fol. 16 - 26; u cioe' dik deskritta fil-paragrafu numerat "2" a fol. 20 .

[4] art. 325 tal-kap. 16 .

"*Il regolamento dei confini e' un'operazione che ha per iscopo di indicare con segni materiali la linea che separa due proprieta' contigue. Esso ha luogo in contradittorio col vicino e in questo differisce essenzialmente dalla chiusura…*[6]

Oriġinarjament, il-konvenuta, illum mejta, kienet issottomettiet ukoll fl-eċċezzjonijiet tagħha illi s-soċjeta' attriċi, ġialadarba l-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi kienu ġia ġew stabiliti, messha minflok il-kawża preżenti, intavolat kawża għar-rivendikazzjoni tal-proprjeta', jekk qed tippretendi illi din użurpat xi parti mill-proprjeta' tagħha. Imma kif ikompli jispjega l-istess awtur:

"*Se l'azione di rivendicazione e l'azione di regolamento di confini hanno per carattere comune di essere azioni reali, esse differiscono nettamente sotto altri riguardi. Nella rivendicazione l'attore e il convenuto, rappresentano ciascuno una parte distinta; l'uno emette una pretesa deciza e determinata che l'altro combatte. Nell'azione di regolamento di confini vi ha ,se si vuole, un attore, colui che prende l'iniziattva, ma iniziato il processo, le due parti perseguono d'ordinario lo stesso scopo, la determinazione dei limiti esatti tra due fondi vicini e la fissazione legale di questi limiti per l'apposizione delle pietre limitari; le due parti, generalmente in dissenso sul tracciato della linea di separazione, si accordano su di un punto essenziale, oggetto stesso dell'azione, sulla necessita' di fissare questa linea e d'indicare con pietre limitari. Nell'istanza, ciascuno dei litiganti ha la stessa parte, attore e convenuto insieme, e si trova cosi' collocato in una situazione eguale a quella dell'avversario, pertanto il giudice deve invitare l'una e l'altra delle parti in causa a produrre le sue prove*."[7]

Fil-każ in eżami pero' s-soċjeta' attriċi mhux qed tippretendi illi taf b'eżattezza il-limiti tal-plot tagħha. Anzi ipproponiet din il-kawża appuntu għax jidrilha li għadha

---

[5] art. 646 .
[6] Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile; dei Beni #900 p . 647 .
[7] ibid. #903 p. 649 .

teżisti inċertezza kbira dwar dawn il-konfini. Infatti għal din l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-konfini kienu ġia ġew stabiliti, jirrispondi l-istess awtur fis-sens segwenti:

"***Per far ostacolo alla nostra azione non basta che le proprieta' siano limitate, che la loro linea di separazione sia segnata in un modo qualunque, occorre ch'esse abbiano avuto determinati i confini, cioe' che i limiti siano stati legalmente constatati, e che i segni materiali che li fissano, siano stati, conforme all'uso, collocati d'accordo tra i proprietari od in seguito ad un'istanza giudizziaria***."[8]

Dwar il-liġi taljana kontemporanea fir-rigward, insibu insegnament simili. Hekk it-**Trabucchi** jfisser kif:

"…*l'azione di regolamento di confini…. presuppone l'incertezza dei confini e si esercita in due casi diversi: ce' l'ipotesi in cui si chiama il giudice a decidere dove arrivi il limite reciproco tra due fondi mentre neppure le parti hanno una pretesa oggettivamente precisa (actio finium regundorum simplex); nell'altra ipotesi c'e' invece una zona di terreno ben delimitata che si discute se appartenga all'uno o all'altro confinante (actio finium regundorum qualificata). E' sempre un'azione reale, perche' sono in giuoco gli interessi dell'autore e del convenuto come proprietari e non per loro rapporti personali.* ***Si tratta di un'azione con carattere duplice, nella quale cioe' entrambe le parti hanno un'analoga reciproca posizione di pretesa e di difesa, e nella quale pertanto non si applica la regola ' actore non probante, reus absolvitur'***."[9]

Infatti l-gurisprudenza taljana piuttost reċenti hija konkordi fis-sens illi:

" … *a rendere proponibile l'azione per regolamento di confine non e' necessario uno stato di incertezza oggettivo costituito dalla promiscuita' di possesso di una*

---

[8] ibid #910 p. 655 .
[9] Istituzioni di Diritto Civile 38th. Ed. 1998 3183 p. 467 - 8 .

*zona intermedia tra i fondi, ma basta uno stato di incertezza soggettiva, costituito dalla contestazione del confine esistente*."[10]

Kien appuntu minħabba dan l-insenjament, ħafna minnu ċċitat ukoll fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, li l-konvenuti preżenti rtiraw din l-eċċezzjoni, wara li l-kawża kienet ġiet differita għas-sentenza.[11]

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi stabilit jekk il-qsami eżistenti bejn il-proprjetajiet rispettivi humiex korretti, inkella għandhomx jiġu spustati lejn in-nofsinhar, kif qed tippretendi s-soċjeta' attriċi.

Kif jispjega l-predeċessur fit-titolu tas-soċjeta' attriċi, l-P.L. Joseph Micallef fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-perit tekniku, u li qed tiġi hawn riportata kważi fit-totalita' tagħha minħabba l-importanza tagħha għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza :

"*Jiena xtrajt l-art b'żewġ kuntratti, wieħed minn għand il-Bażilika ta' San Gorg, Għawdex u ftit wara xtrajt minn għand Gregory Grech biċċa art oħra biex nista' nagħmel garage.*

*Jiena meta xtrajt l-ewwel biċċa art kellimni l-proprjetarju jew wieħed mill-proprjetarji tal-art li hemm fejn niftakar sew li kienet konfinanti mat-triq Għajn Abdul. Kien urieni xi sinjali - ġebel fl-art - u qalli li minn dawk is-sinjali sat-triq kien tagħhom. Meta jiena xtrajt, il-ħajt tad-dar li jħares lejn nofsinhar kien ġia mibni. Jiena ma kelliex aperturi fih. Sa fejn naf jiena l-ħajt tad-dar imbena kollu fil-proprjeta' tiegħi. Dan il-ħajt inbena mal-linja ta' ġewwa.*

*L-art li xtrajt minn għand Gori Grech, l-kuntratt ta' Gori Grech meta xtara mill-Kurja, kellu pjanta u jiena xtrajt fuqa. Jiena tajt l-pjanti lil Land registration u l-art ġiet reġistrata. L-art ġiet reġistrata fuq il-pjanti li kelli jiena nklużi l-kuntratti.*

---

[10] Cassazzione 26.2.1970 n. 625; Giust. it. Mass. 1976, 165 .
[11] ara Nota taghhom tat-28 ta' Frar 2011 .

*… Jiena nirrepeti illi l-qsami - ġebel fl-art - li kien urieni wieħed mil-familjari tal-proprjetarji tal-art li tasal sat-triq imsemmija… Dawk il-qsami li urieni kienu jimmarkaw il-linja diviżorja bejn il-proprjeta li xtrajt minn għand Gori Grech u dik lejn it-triq.*

*Jiena għar-reġistrazzjoni tal-art indikajt l-kejlijiet li hemm fuq il-kuntratti.*

*Qed niġi muri estratt mil-gażżetta tal-Gvern maħruġa fid-29 ta' Mejju 1985 meta ġiet ippublikata d-deskrizzjoni għat-talba tiegħi għar-reġistrazzjoni tal-art tiegħi u il-kejl li mil-kuntratti li huwa elf, erba' mija u ħames metri kwadri (1405 m.k.). Dan qed jiġi immarkat Dokument J.M.1."* [12]

Għalhekk ġialadarba l-P.L. Micallef ddikjara inekwivokament fid-depożizzjoni tiegħu illi l-villa tiegħu huwa kien bniha fuq l-art akkwistata mingħand il-Bażilika ta' San Gorg, u mill-linja medjana 'l ġewwa bejn l-istess art u dik ta' terzi fuq in-nofsinhar (u ċioe' dik li sa dakinhar kienet għadha ta' l-imsemmi Gori Grech), jiġi li l-kontestazzjoni preżenti tista' tkun biss dwar il-linja tal-konfini tan-naħa tan-nofsinhar bejn l-art li l-P.L. Micallef xtara mingħand Gori Grech u dik tal-konvenuta  Antonia Mizzi.[13]

Il-perit tekniku, l-A.I.C. Joseph P. Dimech, nominat minn din il-Qorti sabiex jirrelata f'dan ir-rigward, wara li kabbar il-pjanta *to scale* li kienet ġiet annessa mal-kuntratt li permezz tiegħu l-imsemmi Gori Grech kien xtara mingħand il-prokuratur ta' l-Artal tal-Erwieħ tal-Bażilika ta' San Gorg, ir-Rabat, u ċioe'  l-istess art li sussegwentement dan biegħ lill-P.L. Micallef, [14] u għamel *superimposition* tagħha fuq il-pjanta minnu redatta  Dok. JPD 1, seta' jasal għall-konklużjoni li:

---

[12] Ara deposizzjoni tal-P.L. Micallef a fol. 103 tal-process .
[13] ara pjanta redatta mill-perit Dimech bhala Dok. JPD 1 a fol. 143 .
[14] ara pjanta annessa mal-kuntratt  Dok. C tal-20 ta' Gunju 1973, a fol. 13 - 15 tal-process .

"***Il-kejl entrakjuz bejn il-konfini P Q fuq it-tramuntana, PR fuq il-punent, RS fuq in-nofsinhar u SQ fuq lvant, huwa dak trasferit lil PL Micallef bl-atti tat-30 ta' Novembru 1977 (drw. JPD 1). Dan il-kejl jirriżulta li huwa ta' mitejn u sebgħa u sittin metri kwadri (267 m.k.) jew 1 siegħ 4 1/4 kejliet)***."

Jirriżulta għalhekk illi dan il-kejl huwa ta' tlettax il-metru kwadru (13m.k.) inqas minn dak dikjarat, sew fil-kuntratt li bih Gori Grech xtara mingħand il-Knisja, kif ukoll dak li permezz tiegħu ttrasferixxa l-istess art lill-P.L. Micallef. Madankollu, kif tajjeb qalu l-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, u dan huwa wkoll stabilit fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-kejl fuq dawn il-kuntratti ingħata *in circa*, din id-differenza ta' inqas minn ħamsa fil-mija (5%) mit-total, hija aċċettabbli.

Il-perit tekniku jgħid illi sabiex is-soċjeta' attriċi jkollha preċiżament is-siegħ u nofs (jew 281m.k.) imsemmi f'dawn il-kuntratti, il-linja RS fuq il-pjanta Dok. JPD 1 għandha tiġi spustata, "*billi il-punt R jersaq lejn in-nofsinhar sa ma l-kejl jkun dak imsemmi fil-kuntratt*…". [15] Imma billi l-art li nbiegħet mill-Knisja lil Gori Grech bil-kuntratt ta' l-20 ta' Gunju 1973,[16] kienet dik indikata fuq il-pjanta skalata annessa ma' l-istess kuntratt, u kienet biss din l-art u xejn iżjed li mbagħad reġgħet inbiegħet lill-P.L. Micallef, ma tista' tiżdied ebda biċċa art oħra a detriment ta' terzi, biex tagħmel tajjeb għal din id-differenza. Pero' lanqas jidher li s-soċjeta' attriċi għamlet din il-kawża sempliċċement minħhabba din id-differenza ta' tlettax-il metru kwadru. X'aktarx li d-dubbji tagħha rriżultaw mid-diskrepanza tal-kejl komplessiv li ġie dikjarat fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-proprjeta' tal-P.L. Micallef mar-Reġistru ta' l-Artijiet,[17] u ċioe' kejl ta' elf ħames mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (1558 m.k.) u dak li attwalment kellu s-sur Micallef, u ċioe' "*Biċċa art imsejħa 'Ta' Santa Lucia', kontrada omonima, limiti ta' Kercem, Għawdex, tal-kejl ta' elf erba' mija u ħamsa metri kwadri (1405m.k.)* …" kif dikjarat mis-sur Micallef stess, fl-

---

[15] ara l-ahhar paragrafu tal-konkluzjoni tieghu a fol. 93 .
[16] ara Dok. C a fol. 13 - 15 .
[17] Dok. PS 1 a fol. 127 – 130 .

okkażżjoni ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tad-29 ta' Marzu 1985,[18] u ċioe' wara li kien laħaq akkwista ż-żewġ porzjonijiet ta' art tiegħu f'dawk l-inħawi, u kif ikkonferma fid-depożizzjoni tiegħu: "***Jiena għar-reġistrazjoni tal-art indikajt l-kejlijiet li hemm fuq il-kuntratti***."[19]

In-Nutar Dr. Mary Debono Borg, għar-Reġistratur ta' l-Artijiet ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni magħmula mill-P.L. Micallef kienet dwar art tal-kejl ta' ***cirka tomna, siegħ u nofs,***[20] (1405 m.k.) imma baqgħet ma ngħatat ebda spjegazzjoni għaliex iċ-ċertifikat ta' titolu mbagħad ħareġ fuq art li tkejjel elf ħames mija tmienja u ħamsin metru kwadru (1558m.k.), diskrepanza ta' mija tlieta u ħamsin metru kwadru (153m.k.).

Jirriżulta għalhekk illi d-dubbji tas-soċjeta' attriċi kienu nfondati, u l-linja diviżorja bejn il-proprjeta' tagħha kienet ġiet korrettement indikata fuq il-post bil-qsami tal-ġebel li kien sab il-P.L. Micallef meta akkwista l-artijiet tiegħu fl-inħawi. Konsegwentement m'hemm l-ebda raġuni għaliex din il-linja għandha tiġi spustata lejn in-nofsinhar u ġewwa l-proprjeta' tal-konvenuti, kif ipprentendiet is-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, u għal kull buon fini qed jiġi dikjarat illi l-linja tal-konfini bejn l-art tas-soċjeta' attriċi u dik tal-konvenuti hija l-linja medjana indikata bl-ittri "R S" fuq din il-pjanta Dok. JPD 1 a folio 143 tal-proċess. Madankollu ma tistax tiċħad it-talba tas-soċjeta' attriċi li din il-linja diviżorja tiġi mmarkata b'sinjali li jidhru u li jibqgħu biex juru l-limiti tal-artijiet rispettivi tal-kontendenti, billi dan huwa dritt tagħha mogħti mil-liġi bl-artikolu hawn fuq ċitat.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li rriżultat ġustifikata, tiddikjara illi

---

[18] ara Dok. JM. 1 a fol. 133 .
[19] ara parti ccitata hawn fuq .
[20] ara deposizzjoni taghha a fol. 106 .

l-linja diviżorja ta' bejn l-art proprjeta' tas-soċjeta' attriċi u l-art proprjeta' tal-konvenuti, hjia l-linja indikata bl-ittri "R S" fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku bħala Dok. JPD 1 a folio 143 tal-proċess, u għalkemm din kienet ġia stabilita qabel ma ġiet istitwita din il-kawża, u anke immarkata fuq il-post b'marki li jidhru, terġa' tinnomina lill-A.I.C. Joseph P. Dimech sabiex jimmarka aħjar fuq il-post din il-linja diviżorja b'sinjali li jidhru  u li jibqgħu.

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal tliet kwarti (3/4) mis-soċjeta' attriċi, li qanqlet din il-kwistjoni inutilment, u kwart (1/4) biss mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------